

Brussell, 2 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0377 (COD)**

**15151/16
ADD 1**

**ENER 421
IA 136
CODEC 1817**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 862 final - ANNEX 1
Suġġett:	ANNESS ta' [...] REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tnejn għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 862 final - ANNEX 1.

Mehmuż: COM(2016) 862 final - ANNEX 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2016
COM(2016) 862 final

ANNEX 1

ANNESS

ta' [...]

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE

ANNESS

Mudell għall-pjan tat-tnejjija għar-riskju

Il-mudelli li ġejjin għandhom jimgħew bl-Ingliż.

TAGĦRIF ĠENERALI

- Isem tal-Awtorità Kompetenti responsabbli mit-tnejjija ta' dan il-pjan
- Stati Membri fir-reġjun

1. SOMMARJU TAX-XENARJI TAL-KRIŻI TAL-ELETTRIKU

Iddeskrivi fil-qosor ix-xenarji ta' riskju identifikati fil-livell reġjonali u dak nazzjonali skont l-Artikoli 6 u 7, inkluż deskrezzjoni tas-suppożizzjonijiet applikati.

2. IR-RWOLI U R-RESPONSABBILTAJIET TAL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Iddefinixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Awtoritajiet Kompetenti u tal-korpi li l-kompiti ġew iddelegati lilhom.

3. IL-PROĊEDURI U L-MIŻURI FIL-KRIŻI TAL-ELETTRIKU

3.1. Proċeduri u miżuri nazzjonali

- (a) Iddeskrivi l-proċeduri li jridu jiġu segwiti fil-każijiet ta' kriżi tal-elettriku, inklużi l-iskemi korrispondenti fuq il-flussi tal-informazzjoni;
- (b) Iddeskrivi l-miżuri preventivi u preparatorji;
- (c) Iddeskrivi l-miżuri għall-mitigazzjoni tas-sitwazzjonijiet ta' kriżi tal-elettriku, b'mod partikolari miżuri fin-naħa tad-domanda u fin-naħa tal-provvista, filwaqt li tindika f'liema ċirkustanzi jistgħu jintużaw dawn il-miżuri, speċjalment l-iskattatur ta' kull miżura. Meta jiġu kkunsidrati miżuri mhux tas-suq, dawn iridu jiġu ġustifikati kif xieraq fid-dawl tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 15;
- (d) Ipprovdì pjan dettaljat tat-tnejjija tat-tagħbija, inkluż meta t-tagħbijiet għandhom jitneħħew, f'liema ċirkustanzi, il-valuri tat-tagħbija li jridu jitneħħew u lil min. Speċifika liema kategorija ta' utenti tal-elettriku għandhom jirċievu protezzjoni speċjali kontra skonnessjoni, u spjega għaliex tenħtieġ il-protezzjoni tagħhom biex tkun protetta s-sikurezza personali;
- (e) Iddeskrivi l-mekkaniżmi użati biex il-pubbliku jiġi informat dwar il-kriżi tal-elettriku.

3.2. Proċeduri u miżuri reġjonali

- (a) Iddeskrivi l-mekkaniżmi miftiehma għall-kooperazzjoni fi ħdan ir-reġjun u biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni xierqa qabel il-kriżi tal-elettriku u matulha, inkluż il-proċeduri tat-tehdid ta' deċiżjonijiet għal reazzjoni xierqa fil-livell reġjonali;
- (b) Iddeskrivi l-miżuri miftiehma li jridu jintużaw f'sitwazzjonijiet ta' kriżi simultanja, inkluż il-prijoritizzazzjoni tal-konsumaturi u l-pjanijiet reġjonali tat-tneħħija tat-tagħbija, kif ukoll l-arranġamenti finanzjarji għall-assistenza biex tiġi evitata jew mitigata l-kriżi tal-elettriku. Meta tiddeskrivi dawn l-arranġamenti, inkludi elementi bħad-definizzjoni tal-iskattatur tal-assistenza, il-formula tal-kalkolu jew l-ammont, il-partijiet tal-pagamenti u r-riċeventi u r-regoli għall-arbitraġġ. Speċifika meta u kif għandhom jiskattaw il-pjanijiet reġjonali tat-tneħħija tat-tagħbija;
- (c) Iddeskrivi l-mekkaniżmi li hemm fis-seħħ biex ikun hemm kooperazzjoni u koordinazzjoni tal-azzjonijiet qabel il-kriżi tal-elettriku u matulha ma' Stati Membri oħrajn barra r-reġjun kif ukoll ma' pajjiżi terzi fi ħdan iż-żona sinkronika rilevanti.

4. MANIĠER JEW TIM TAL-KRIŻI

Indika min huwa l-maniġer jew it-tim tal-kriżi u ddefinixxi r-rwol tiegħu. Speċifika d-dettagli ta' kuntatt.

5. KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

Skont l-Artikolu 10(1), jekk jogħġbok iddeskrivi l-mekkaniżmu użat għall-konsultazzjonijiet imwettqa u r-riżultati tagħhom, għall-iżvilupp ta' dan il-Pjan, ma':

- (a) intrapriżi tal-elettriku u tal-gass;
- (b) organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-familji;
- (c) organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi ta' konsumaturi industrijali tal-elettriku, inklużi intrapriżi tal-gass;
- (d) awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

6. TESTIJIET TA' EMERĠENZA

- (a) Indika l-kalendarju għas-simulazzjonijiet annwali b'rispons f'ħin reali li jsiru fir-reġjun (jekk applikabbli anki fil-livell nazzjonali) tas-sitwazzjonijiet tal-kriżi tal-elettriku;
- (b) Skont l-Artikolu 12(1) d), indika l-proċeduri miftiehma u l-atturi involuti.

Għall-aġġornamenti tal-Pjan: iddeskrivi fil-qosor it-testijiet imwettqin minn mindu ġie adottat l-aħħar Pjan u r-risultati ewlenin. Indika liema miżuri ġew adottati bħala risultat ta' dawn it-testijiet.